IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.2.2012
COM(2012) 47 final

2012/0021 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tkun adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' proposti għal emendi tal-Annessi II u III għall-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali, u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun tal-Kosta Mediterranja fis-sbatax-il laqgħa tal-Partijiet Kontraenti

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) L-għan tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) huwa li tipprevjeni, ittaffi, tissielet u kemm jista' jkun tnaqqas it-tniġġis taż-Żona tal-Baħar Mediterranju u li tħares u ttejjeb l-ambjent tal-baħar f'dik iż-żona sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tagħha. Il-Konvenzjoni hija trattat intergovernattiv adottat bħala Programm Reġjonali tal-Ibħra taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent. L-Unjoni Ewropea, sa mill-1977 kienet Parti fil-Konvenzjoni ta' Barċellona[1], u fl-1999 ikkonkludiet il-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, flimkien mal-annessi għaliha (il-Protokoll)[2].

(2) Il-laqgħa tal-Partijiet Kontraenti hija l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni bis-setgħa li jadotta, jirrevedi u jemenda kif meħtieġ l-annessi għall-Konvenzjoni jew għall-protokolli tagħha, abbażi ta' emendi proposti mill-Partijiet Kontraenti. Saru għadd ta' proposti għall-emendi tal-Annessi II u III għall-Protokoll. Dawn il-proposti kienu ppreżentati għal evalwazzjoni fil-laqgħa tal-Punti Fokali Nazzjonali li saret f'Marsilja (Franza) mis-17 sal-20 ta' Mejju 2011, bil-għan li jiġu adottati fis-sbatax-il laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, li se issir f'Pariġi (Franza) mit-8 sal-10 ta' Frar 2012.

(3) Skont l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni u skont l-Artikolu 14(1) tal-Protokoll, emenda tal-Annessi għall-Protokoll tidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti kollha hekk kif jiskadi perjodu deċiż mill-Partijiet Kontraenti konċernati meta tiġi adottata l-emenda, għajr għal dawk il-Partijiet Kontraenti li jagħmlu riżerva b'notifika bil-miktub lid-Depożitarju. Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jieħu deċiżjoni msejsa fuq l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), bil-għan li jiġu stabbiliti l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni waqt is-sbatax-il laqgħa tal-Partijiet Kontraenti. Matul il-laqgħa tiegħu tal-punti fokali fl-2011 f'Marsilja (Franza), is-Segretarjat tal-Konvenzjoni ressaq proposta sabiex għaxar speċijiet tal-klieb il-baħar jiġu avanzati u ttrasferiti mill-Anness III għall-Anness II. Tnejn minn dawn l-għaxar speċijiet, (*Galeorinus galeus* u *Isurus oxirhincus*) għandhom jibqgħu fl-Anness III, peress li l-ICCAT se jirrivedu l-istatus tal-istokk tagħhom matul il-laqgħa annwali tagħha li jmiss. Barra minn hekk, iż-żewġ speċijiet ta' rebekkini li fadal (*Leucoraja circularis* u *L. melitensis*) għandhom ukoll jinżammu fl-Anness III iżda jixirqilhom attenzjoni speċjali. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex tinġabar aktar dejta dwar ir-rebekkini bil-għan li jkun hemm parir xjentifiku preċiż li jikkunsidra mill-ġdid il-possibbiltà tat-trasferiment vantaġġjuż tagħhom għall-Anness II fi stadju aktar tard.

(4) Il-proposti għal emendi ma jeħtieġu l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni. Ma jmorrux kontra d-Direttivi tal-Għasafar[3] u l-Ħabitats[4] jew tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)[5]. L-

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 li tikkonkludi l-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis u l-Protokoll għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-Baħar Mediterran bir-rimi tal-iskart minn bastimenti u vetturi tal-ajru, ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/800/KE tat-22 ta' Ottubru 1999 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jikkonċerna żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, u dwar l-aċċettazzjoni tal-annessi għal dak il-Protokoll (il-Konvenzjoni ta' Barċellona), ĠU L 322, 14.12.1999, p. 1.

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/147/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7-25.

Unjoni għandha tappoġġja dawn il-proposti abbażi tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin: (1) huma xjentifikament validi; (2) għal raġunijiet ta' konsistenza bejn l-azzjoni interna u esterna; u (3) l-UE hija impenjata favur il-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika, il-ftehimiet li saru matul l-aħħar Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika f'Nagoya, fl-2010 u l-mira miftiehma fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli "sabiex sal-2010 titnaqqas b'mod sinifikanti r-rata attwali tat-telf tal-bijodiversità".

Fid-dawl tal-preċedenti, fis-sbatax-il Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona, l-Unjoni għandha tappoġġja l-adozzjoni tal-emenda għall-Annessi.

---

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd, ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

2012/0021 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tkun adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' proposti għal emendi tal-Annessi II u III għall-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali, u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun tal-Kosta Mediterranja fis-sbatax-il laqgħa tal-Partijiet Kontraenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[6],

Billi:

(1) L-UE hija Parti Kontraenti fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja[7] (minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni ta' Barċellona') u hija Parti għall-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran u l-annessi għalih[8].(minn issa 'l quddiem 'il-Protokoll').

(2) Il-laqgħa tal-Partijiet Kontraenti hija l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni, u fost is-setgħat mogħtija lilu hemm inkluża l-kapaċità li jemenda kif meħtieġ l-annessi għall-Konvenzjoni u għall-protokolli tagħha. Skont l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona u skont l-Artikolu 14(1) tal-Protokoll, emenda tal-Annessi għall-Protokoll tidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-Protokoll hekk kif jiskadi perjodu deċiż mill-Partijiet Kontraenti konċernati meta tiġi adottata l-emenda, għajr għal dawk li jagħmlu riżerva b'notifika bil-miktub lid-Depożitarju li huma ma jistgħux japprovaw l-emenda.

---

6 ĠU C […], […], p. […].

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 li tikkonkludi l-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis u l-Protokoll għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-Baħar Mediterran bir-rimi tal-iskart minn bastimenti u vetturi tal-ajru, ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1.

8 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/800/KE tat-22 ta' Ottubru 1999 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jikkonċerna żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, u dwar l-aċċettazzjoni tal-annessi għal dak il-Protokoll (il-Konvenzjoni ta' Barċellona), ĠU L 322, 14.12.1999, p. 1.

(3) Għas-sbatax-il laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, li se ssir f'Pariġi (Franza) mit-8 sal-10 ta'Frar 2012, is-Segretarjat tal-Konvenzjoni ppreżenta proposti li jipprovdu protezzjoni akbar għal diversi speċijiet addizzjonali billi jemendaw l-Annessi II u III għall-Protokoll.

(4) Il-proposti għal emendi ma jeħtieġu l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni.

(5) L-UE għandha tappoġġja uħud minn dawn il-proposti għaliex huma xjentifikament validi, konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mal-impenn tal-Unjoni favur il-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, u għaliex huma f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika[9] kif ukoll mal-mira miftiehma waqt il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-2010, sabiex sal-2020 titnaqqas b'mod sinifikanti r-rata attwali tat-telf tal-bijodiversità,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fis-sbatax-il laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta l-pożizzjoni li ġejja tal-Unjoni Ewropea dwar il-votazzjoni fuq il-proposti sabiex tingħata protezzjoni lil għadd ta' speċijiet billi dawn jiġu avanzati u ttrasferiti mill-Anness III għall-Anness II tal-Protokoll.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja ż-żieda tal-ispeċijiet li ġejjin mal-Anness II għall-Protokoll u t-tħassir rispettiv tagħhom mill-Anness III:

(a) *Lamna nasus (Bonnaterre, 1788)*;

*(b) Rhinobatos cemiculus (*Saint-Hilaire*, 1817);*

*(c) Rhinobatos rhinobatos (*Linnaeus*, 1758);*

(d) *Sphyrna lewini* (Griffith & Smith, 1834);

(e) *Sphyrna mokarran* (Rüppell, 1837);

(f) *Sphyrna zygaena* (Linnaeus, 1758).

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika, ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ [....].

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]